TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Sylvana Bezzina

vs

Construct Furniture Ltd

CCT164/24/MS

30 ta' Ottubru 2024

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-2 ta' Awwissu 2024 fejn talbet lil dan it-Tribunal jikundanna l-isocjeta' intimata thallasha l-ammont ta' erba telef seba mija wiehed u sitin euro u ghaxar centezmi (€4,761.10), u dan wara li ingaggat is-servizzi tas-socjeta' intimata ghall-installazzjoni ta' ghamara konsistenti f'bibien u kmamar tas-sodda, mibjugha u konsenjati lir-rikorrenti fuq ordni taghha, liema installazzjoni u ghamara kien fihom diversi nuqqasijiet.

Ra li minkejja debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh, is-socjeta' intimata naqset li tipprezenta risposta u ebda rapprezentant taghha attenda quddiem dan it-Tribunal ghas-seduta tat-2 ta' Ottubru 2024.

Ra l-atti kollha tal-kaz.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti bil-gurament.

Ra r-regolament 12.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur (L.S378.01);

Ra li t-talba thalliet gas-sentenza;

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi illi f' Ottubru 2023 ir-rikorrenti ordnat zewg kmamar tas-sodda u bibien ghall-prezz globali ta' €6,399.00 (€1364 +€ 3215+€1820). Ir-rikorrenti hallset l-ammont ta' €1,820 ghal bibieb *'in full'*, filwaqt li hallset depozitu ta' €2,000 ghal kmamar tas-sodda - u ghalhekk kien ghad fadlilha thallas bilanc ta' €2,579.00.

Illi permezz tat-talba taghha, ir-rikorrenti tilmenta mill-fatt illi l-ghamara ta' kamra tas-sodda wahda kien fiha hafna difetti filwaqt li nofs l-affarijiet tal-kamra tas-sodda l-ohra ma gewx konsenjati - u dan apparti l-fatt illi l-ebda wahda minnhom giet armata.
Ir-rikorrenti tilmenta wkoll mill-fatt illi l-bieba wahda kienet fiha hafna difetti u grif u fil-fatt dan gie anke ammess mis-socjeta' intimata li accettat illi jaghtuha skont ta' €500.00. Qalet ukoll illi hi gabet mastrudaxxa independenti sabiex jikkonstata l-hsarat li kien hemm u jaghtiha stima, liema hsarat gew stmati minnu ghall-prezz ta' €3,645 (minghajr VAT). Ghalhekk ir-rikorrenti qieghda titlob l-ammont ta' €4,761.10 - kwantu ghal €3,645 rapprezentanti danni biex jigu rrangati l- hsarat skont l-istess stima, kwantu ghal €500.00 l-iskont li hija giet imwieghda fuq il-prezz tal-bibien u €460.00 rapprezentanti ghaxra fil-mija tal-prezz globali bhala danni ghall-inkonvenjent u l-hin illi hadet, iktar u iktar ghaliex dan il-post jinsab Ghawdex u gieli telghet ghal xejn.

Ikkunsidra

Illi jibda biex jinghad illi r-rikorrent ikkonfermat it-talba taghha bil-gurament u xehdet fit-tul, fejn esebiet ukoll numru ta' dokumenti biex tispjega u tiggustifika t-talba taghha. Illi in vista tal-fatt illi llum il-gurnata l-ghamara u l-bibien jinsabu installati in situ f'appartament l-Ghajnsielem, hi mhix qed titlob il-hall tal-bejgh izda kumpens/ danni kif ukoll riduzzioni fil-prezz tal-bejgh.

Illi s-socjeta' intimata ma pprezentatx risposta u l-ebda rapprezentant taghha ma deher quddiem dan it-Tribunal biex jixhed, ghalhekk fl-assenza ingustifikata taghha, is-socjeta' intimata naqset illi taghti versioni tal-fatti li b'xi mod tikkontrasta dak li qed tallega r-rikorrenti, li fic-cirkonstazi huwa verosimili u anke korroborat.

Intant ir-Regolament 12.1 tal-L.S378.01 jaghti ukoll is-setgha lit-Tribunal li jiddeciedi kontra l-intimat meta dan jonqos milli jidher ghas-seduta.

Ikkunsidra

Illi jibda biex jinghad li l-ordni ghal bibien kien separat minn dak tal-kmamar tas-sodda u fil-fatt din l-ordni saret fil-15 ta' Frar 2024 ghall-prezz ta' €1,820.00. Ir-rikorrenti hallset il-prezz shih ghal dawn il-bibien u t-Tribunal huwa sodisfatt illi kien hemm diffett f'wahda

mil-bibien, tant li f'Marzu 2024 Josepha Buttigieg baghtet email fejn ikkonfermat illi l-kumpanija kienet ser tirrifondi l-ammont ta' hames mitt euro.

Ghal dak li huwa l-ghamara tal-kmamar tas-sodda, f'email mibghut fit-3 ta' Mejju 2024, is-socjeta' intimata gharrfet certu nuqqasijiet kif ukoll l-inkonvenjent ghar-rikorrenti u offriet skont ta' erba mija u sittin euro (€460.00).

Ghalhekk is-socjeta' intimata kienet lesta li taccetta bilanc ta' € 1,619 (€2,579 - €460.00 - €500.00.

Min-naha l-ohra ir-rikorrenti qed tippretendi illi tithallas l-ammont ta' €960.00 (€500.00 + €460.00) kif ukoll is-somma ta' €3,645.00 bhala kumpens/danni sabiex jigi rrangat il-hsara kkonstatat.

Illi t-Tribunal ra l-istima tal-mastrudaxxa Ray Spiteri datat 22 ta' Mejju 2024. Aparti l-fatt illi l-mastrudaxxa ma xehedx quddiem dan it-Tribunal biex jikkonferma l-istima tieghu bil-gurament, f'dan l-istadju l-istima tibqa' biss stima u r-rikorrenti m'ghamlet l-ebda xoghol rimedjali biex tiggustifika tali talba. It-Tribunal jinnota wkoll illi l-ammont ikkwotat huwa prattikament l-istess bħal dak li hallset ir-rikorrenti ghall-kamra tas-sodda ġdida.

Ikkunsidra

Illi l-artikolu 73 tal-Kap 378 jistipola illi oggett ghandu jigi kkunsinnat konformi mal-kuntratt tal-bejgh, b'mod li jkollu, fost affarjiet ohra, l-funzjonalita' rikjesta. Illi f'kaz ta' nuqqas ta' konformita' l-konsumatur ghandu jkun intitolat illi l-oggett jingieb f'konformita' permezz ta' tiswija, sostituzzjoni, **tnaqqis fil-prezz** jew terminazzjoni tal-kuntratt.

Illi it-Tribunal jaqbel bi shih illi r-rikorrenti ghandha tiehu lura r-rifuzjoni ta' hames mitt euro ghal dak li jirrigwarda l-ordni tal-bibien.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ordni tal-kmamar tas-sodda, it-Tribunal jidhirlu li ghandu jkun hemm riduzzjoni fuq il-prezz tal-ordni.

Illi originarjament ir-rikorrenti kien ghad fadlilha bilanc ta' €2,579 fuq il-prezz kollu tal-ghamara ghall-kmamar tas-sodda u s-socjeta' intimata offriet skont ta' €460.00 li flimkien mal-hames mitt euro ghal bibien jammonta ghal skont globali ta' €960.00.

Wara li qies ic-cirkostanzi u ra d-dokumenti kollha, It-Tribunal jidhilru pero' li ghandu jkun hemm riduzzjoni ulterjuri ta' tlett mija u erbghin euro ghal dak li jirrigwarda l-kmamar tas-sodda. Ghalhekk €960.00 + 340.00 flimkien jammontaw ghal €1,300.00.

Ghalhekk ir-rikorrenti hija intitolat ghal riduzzjoni globali ta' €1,300.00 fuq il-bilanc li baqa' (€2,579), biex b'hekk ir-rikorrenti tkun ghad fadlilha thallas l-isocjeta' intimata l-ammont ta' €1,279.00.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment t-talba tar-rikorrenti u jawtorrizaha zzomm riduzjoni ta' €1,300.00 mill-prezz globali dovut l-isocjeta' intimata.

**Av. Michela Spiteri**
**Arbitru**